MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 643/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Ottubru 1988 u minn dan iz-zwieg ma' kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Clyde La Rosa mill-31 ta' Jannar 1997, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok. A.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom separati snin twal u llum ffurmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju;

Illi b'hekk huma soddisfatti r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 66B et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-esponenti xtaqet tipprevalixxi ruhha mid-drittijiet lilha moghtija sabiex titlob il-hall taz-zwieg bejnha u bejn zewgha;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnha u bejn zewgha, Gaetano Borg;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien li tistabilixxi din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li *in forza* taghha huwa eccepixxa:-

Illi huwa ma jopponix t-talba ta' divorzju maghmula mill-attrici Ruth Brown.

Illi jikkonferma li l-partijiet ilhom ferm aktar minn erba' snin separati legalment u illi t-tifla tal-partijiet illum il-gurnata hija maggorenni u li m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment pendenti u ghaldaqstant m'hemm l-ebda raguni ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddikjara l-halla ta' zwieg bejnu u l-attrici u tippronunzja divorzju.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta’ Jannar 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------